

Paġna ewlenija>Kwistjonijiet tal-familja u wirt>Wirt>Suċċessjonijiet

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

Suċċessjonijiet

L-Ingilterra u Wales

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

1 Kif tiġfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testament konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

It-trasferiment ta' proprjetà jsir mit-testatur jew testaturi. Ma hemm l-ebda rekwiżit għal parir legali jew għall-involvement ta' ġurista.

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

Ma hemm l-ebda rekwiżit biex it-testament jiġi rreġistrat.

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Le, imma membri tal-familja u persuni mantnuti mill-persuna deċeduta jistgħu jitolbu lill-qorti għotja ta' provvediment finanzjarju mill-patrimonju skont l-Att tal-1975 dwar il-Wirt (Provvediment għall-Familja u d-Dipendenti) [Inheritance (Provision for Family and Dependents) Act 1975].

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Testament validu jgħaddi l-patrimonju f'idejn l-eżekutori (ir-rappreżentanti personali) tal-persuna deċeduta mal-mewt. Dan ma jittrasferix il-proprjetà lill-benefiċjarji.

Jekk u sa fejn il-persuna deċeduta ma tħallix testament validu, il-patrimonju jitqassam skont ir-regoli *ab intestato* speċifikati fi-

Att tal-1925 dwar l-Amministrazzjoni tal-Patrimonji [Administration of Estates Act 1925] (kif emendat).

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Il-patrimonju jgħaddi f'idejn ir-rappreżentanti personali tal-persuna deċeduta, li jistgħu jirċievu dikjarazzjonijiet ta' ċaħda jew aċċettazzjoni. Dawn jistgħu jitolbu lill-qorti għall-konċessjoni ta' rappreżentanza (probate fil-każ ta' testament u ittri tal-amministrazzjoni fil-każ ta' mewta intestata). Il-konċessjoni se tikkonferma l-awtorità tagħhom biex jamministraw il-patrimonju skont it-testament jew ir-regoli *ab intestato* skont il-każ. It-tilwim dwar l-intitolament għas-suċċessjoni jew il-konċessjoni jista' jinġab il-qorti. Il-proċedimenti fil-qorti huma rregolati mir-Regoli dwar Probate Mhux Kontenzjuża jew ir-Regoli ta' Proċedura Ċivili.

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

L-eżekutori huma responsabbli għall-identifikazzjoni u l-għbir tal-assi tal-persuna deċeduta fil-patrimonju, għall-ħlas tad-dejn tal-persuna deċeduta (inkluża t-taxxa fuq il-wirt) u d-distribuzzjoni tal-bqija lill-benefiċjarji skont it-testament jew ir-regoli *ab intestato*.

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Testatur jista' jispjefika l-benefiċjarji li jirtu l-patrimonju billi jagħmel testament validu. Fin-nuqqas ta' testament validu, il-benefiċjarji jiġu ddeterminati mir-regoli *ab intestato*. Il-benefiċjarji jkunu intitolati jirtu mal-mewt tal-persuna deċeduta jew, fil-każ ta' benefiċjarji intitolati minħabba l-mewt ta' benefiċjarju waqt l-amministrazzjoni tal-patrimonju, mal-mewt tal-persuna intitolata preċedement.

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Le. Id-djun jiġihallu mill-patrimonju.

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Kif ingħad fit-tweġiba għall-mistoqsija 5, il-patrimonju jgħaddi f'idejn ir-rappreżentanti personali tal-persuna deċeduta. Ir-rappreżentanti personali jittrasferixxu l-proprjetà immobbli lill-benefiċjarju intitolat matul l-amministrazzjoni tal-patrimonju. Il-benefiċjarju jippreżenta provi tal-konċessjoni tar-rappreżentanza u t-trasferiment lir-Reġistru tal-Artijiet skont ir-Regoli tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet rilevanti.

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 9.

9.2 Min huwa intitolat li jseġwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 9.

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 9.

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

L-eżekutori jamministraw il-patrimonju u jqassmu l-assi netti. Il-forma tat-trasferiment tal-assi tiddependi min-natura tal-assi. Xi oġġetti jistgħu jiġu kkonsenjati bil-pussess. Flejjes jistgħu jiġihallu b'ċekk. Ara l-mistoqsija 9 rigward artijiet.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



**Your
Europe**

This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 31/08/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.